MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 692/2007

**Emanuel Borg u martu Maria Rita Borg**
**(ID No. 44858M u 0614664M)**

**Vs**

**Anna Clews u zewgha George Clews**

## DECIZJONI PRELIMINARI

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Settembru, 2007 fejn gie mitlub illi tithallas is-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan it-Tribunal, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi b'segwitu ta' akkuzi ta' malafama li ghamlet il-konvenuta fil-konfront tal-atturi, konsistenti f'telf ta' xoghol, spejjez medici u legali, u dan kif ser jirrizulta

waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghax legali, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tal-5 ta' Novembru, 2007 fejn gie eccepit illi in liena preliminari, illi dan it-Tribunal m'ghandux il-kompetenza sabiex jisma` u jiddeciedi dwar it-talbiet ta' l-atturi, stante illi dawn it-talbiet mhumiex talbiet ghal flus a tenur ta' l-Artiklu 3(2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan minhabba li l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni ta' danni kawzati b'allegati akkuzi ta' malafama konsistenti f'telf ta' xoghol, spejjez medici u kif ukoll spejjez legali.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li l-konvenuti m'ghamlu ebda akkuzi ta' malafama fil-konfront ta' l-atturi, u kwindi m'huma bl-ebda mod responsabbli ghall-allegati danni rikjesti mill-atturi ;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghal decizjoni preliminari dwar l-istess.

Ikkunsidra :

Illi l-kompetenza tat-Tribunal tipprovdi ghaliha l-ligi fl-Artiklu (3) tal-Kap 380. Dan it-Tribunal huwa mwaqqaf sabiex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn tlett elef erba` mija u erba` u disghin Euro u sitt Euro centezmi (3494.06) – (Lm1500).

Illi l-konvenuti donnhom qed isostnu illi t-talba attrici mhix wahda ghal hlas – izda talba sabiex jigu likwidati danni kawzati b'allegati akkuzi ta' malafama konsistenti f'telf ta' xoghol, spejjes medici u kif wkoll spejjes legali.

Illi kif anka diversament espress mill-Qorti ta’ l-Appell Inferjuri –**2503/02PS – Dr Damian von Schembri vs Miriam Mintoff** , (25/02/04) – huwa dejjem l-att promotur kif intavolat, il-premessi u t-talbiet, li jifformaw il-parametri li fihom it-Tribunal ghandu jezercita l-gudizzju tieghu u li allura jiddeterminaw l-kompetenza tieghu.

Illi harsa lejn l-Avviz u t-Tribunal ma’ jibqalux dubbju illi t-talba attrici hija wahda ghal hlas, ta’ somma mitluba jew somma ohra li tista` tigi likwidata. L-Avviz ikompli jispjega wkoll ta’ xiex u ghal xiex hija mitluba din is-somma – ossia allegati danni sofferti mill-atturi in segwitu ghal azzjoni allegatament maghmula mill-konvenuta.

Illi ma hemmx dubbju illi dak allegat forsi ghad irid jigi ppruvat – u ghalhekk f’dan l-istadju mhux importanti jekk l-atturi hux kapaci jissostjanzaw o meno l-allegazzjoni u l-pretensjoni taghhom. Dik hija kwistjoni rizervata ghall-ezami u apprezzament taghha fil-mertu.

Kif jinghad fis-sentenza ta’ l-Appell hawn fuq kwotata – “*dan jigri dejjem fil-kaz ta’ azzjonijiet ghad-danni ta’ liema xorta jkunu. Hekk per ezempju ma huwiex negat illi t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni li jinvesti materji dwar danni prestabbiliti derivanti minn incident stradali. Ugwalment dan ghandu jsib applikabilita` wkoll fil-kaz in dazamina*”.

Illi anke hawnekk u ghall-kaz de quo b’din il-linja ta’ hsieb ibbazat fuq il-ligi u fuq il-linji stabbiliti b’decizjonijiet tal-Qrati ta’ l-Appell – l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta ma’ tistghax issib konfort u b’hekk tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddisponi mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti billi jichadha filwaqt illi jiddikjara lilu nnifsu kompetenti jiehu konjizzjoni tat-talba attrici, u ghalhekk ihalli l-kawza ghal nhar it-8 ta’ April 2008 ghal provi ta’ l-atturi fil-mertu.

L-ispejjez ta’ din l-istanza qed jigu rizervati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------